32004D0014

L 5/74 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 9.1.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Diċembru 2003
li temenda t-tielet subparagrafu (Kriterji bażiċi għall-eżami ta' applikazzjonijiet) tal-Parti V ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni

(2004/14/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriServa għall-Kunsill poteri (setgħat) ta' implimentazzjoni rigward ċerti dispożizzjonijiet iddettaljati u proċeduri prattiċi biex ikunu eżaminati applikazzjonijiet għal viża [1],

Wara li kunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Taljana,

Billi:

(1) Il-Kunsilli Ewropej ta' Tampere, Laeken, Sivilja u Tessaloniki talbu lill-Istati Membri biex jiżviluppaw aktar il-politika ta' viża komuni tagħhom u jgħaġġlu l-koperazzjoni konsulari lokali bejn ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi.

(2) Analiżi tad-data dwar l-immigrazzjoni illegali wriet li viżas għal terminu qasir (turiżmu, kummerċ, studju, xogħol jew żjarat tal-familja) huma dawk użati l-aktar ta' spiss għall-għan ta' dħul b'mod regolari fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Schengen u mbagħad isir l-isparixxar meta l-viża tiskadi.

(3) Biex ikun stmat ir-riskju ta' immigrazzjoni, jidher meħtieġ li titgħaġġel iktar il-koperazzjoni konsulari lokali fl-iddeterminar liema dokumenti supplimentari u/jew adizzjonali għandhom ikunu rekwiżiti għal ħruġ ta' viżas u fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' mekkaniżmi komuni biex ikunu skoperti dokumenti foloz jew iffalsifikati b'mod iktar effettiv.

(4) Fost il-fatturi varji li fuqhom l-istima ta' riskju ta' immigrazzjoni għandha tkun ibbażata, r-riżultat ta' l-intervista li għaliha l-applikant għall-viża jkun issuġġettat mill-missjoni diplomatika jew il-post (uffiċċju) konsulari hija wkoll ta' importanza fundamentali.

(5) Missjonijiet diplomatiċi u postijiet (uffiċċji) konsulari għandhom għalhekk ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod iktar effettiv il-poteri (setgħat) li jippossjedu biex jistmaw riskju ta' immigrazzjoni.

(6) Skond Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, d-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Billi din id-Deċiżjoni żżid ma' (tibni fuq) l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV il-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, d-Danimarka għandha, skond Artikolu 5 tal-Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni jekk għandhiex tittrasponiha fil-liġi nazzjonali tagħha jew le.

(7) Rigward l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni taż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen [2], li taqa' fiż-żona li jirreferi għaliha Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [3] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(8) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-19 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [4]; ir-Renju Unit mhux għalhekk qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhux marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

[1] ĠU L 116, 26.04.01, p. 2.

[2] ĠU L 176, 10.07.99, p. 36.

[3] ĠU L 176, 10.07.99, p. 31.

[4] ĠU L 131, 01.06.00, p. 43.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'xi whud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [1]; l-Irlanda għalhekk m'hix tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jżid ma' (jibni fuq) l-*acquis* ta' Schengen jew li hu b'xi mod ieħor konness miegħu fit-tifsira ta' Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tielet subparagrafu (Kriterji bażiċi għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet) tal-Parti V ta' l-Istituzzjonijiet Konsulari Komuni għandu jkun issostitwit b'li ġej:

"Il-missjoni diplomatika jew il-post (uffiċċju) konsulari għandu jassumi responsabbilta shiħa fl-istima jekk hemmx riskju ta' immigrazzjoni. L-għan ta' l-eżaminar ta' applikazzjonijiet huwa li jiskopri dawk l-applikanti li jkunu qegħdin jippruvaw jemigraw lejn l-Istati Membri u jistabbilixxu ruħhom hemm, billi jużaw raġunijiet bħal turiżmu, kummerċ, studju, xogħol jew żjarat tal-familja bħala pretest. Għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed ikun b'mod partikolari viġilanti meta jittratta ma' 'kategoriji ta' riskju', persuni bla xogħol, dawk li m'għandhomx qligħ regolari, eċċ. Għall-istess għan, tingħata importanza fundamentali lill-intervista li ssir lill-applikant biex ikun iddeterminat l-għan tal-vjaġġ. Dokumentazzjoni addizzjonali ta' appoġġ, maqbula jekk possibbli permezz ta' koperazzjoni konsulari lokali, tista' wkoll tkun rekwiżita. Il-missjoni diplomatika jew il-post (uffiċċju) konsulari għandhom anki jinqdew bil-koperazzjoni konsulari lokali biex itejbu l-kapaċita li jiskopru dokumenti foloz jew iffalsifikati sottomessi b'appoġġ ta' xi applikazzjonijiet ta' viżas. Jekk hemm xi dubju dwar l-awtentiċita tal-karti u dokumenti ta' appoġġ issottomessi, inkluż dubju dwar il-veraċita tal-kontenut tagħhom, jew fuq kemm ikunu fdati (fuq il-kredibilita ta') l-istqarrijiet miġbura matul l-intervista, l-missjoni diplomatika jew il-post (uffiċċju) konsulari m'għandhomx joħorġu l-viża."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jitabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MATTEOLI

[1] ĠU L 64, 07.03.02, p. 20.